MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 543/2000/1

**Mario Lapira**

**v.**

**Alexander Friggieri f'ismu proprju u ghan-nom**

**tad-Ditta "Mina Investments"**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fil-21 ta' Marzu 2000, u li jaqra hekk:

> "Peress illi l-attur li ppjana illi jesegwixxi progett konsistenti fil-kostruzzjoni ta' erbghin (40) Super Delux fil-Bidnija u peress ghal esekuzzjoni ta' dawn il-progetti huwa kellu bzonn finanzjament u ghal dan l-iskop avvicina lill-konvenut Alex Friggieri li pprometta li jipprovdi dan il-finanzjament tramite assocjat tieghu s-socjeta' "Swedoc International AB" tal-Izvezja; peress illi ghal dan il-finanzjament il-konvenut talab u ottjena minghand l-attur "retainer" ta' sitt elef lira flus maltin (LM6,000) "non negotiable" u l-istanti hallas dan l-ammont; fit-12 ta' Marzu 1997 (Dok A) lill-konvenut li irrilaxja ricevuta; peress illi nonostante dan il-pagament il-konvenut naqas li jipprovdi l-finanzjament promess u fil-fatt "Swedoc" fit-8 ta' Awissu 1997 infurmaw lill-konvenut illi l-finanzjament necessarju ma kienx ser jigi provdut u ghalhekk il-progett ma setax jigi esegwit; illi minhabba dan il-falliment l-attur insista mal-konvenut illi jirritorna s-somma ta' sitt elef lira imhallsa lilu, pero` dan sal-lum baqa' ma rrifondilux; peress illi l-attur kien ukoll ghamel studju u nefaq flus biex jipprepara l-pjanti u jaghmel l-applikazzjonijiet mehtiega biex jigi ezegwit dan il-progett u peress li kien inkariga lill-Perit Philip Azzopardi li ghamel rapport dettaljat dwar dan il-progett; peress li l-progett ma setax jigi esegwit minhabba l-inadempiment tal-obbligazzjonijiet assunti mill-konvenut li jipprovdi l-finanzjament kif promess; peress li bhala konsegwenza ta' dan l-attur sofra danni konsiderevoli kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
>
> "Jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tikkundanna lill-konvenut:
>
> "(1) jirrifondi lill-attur is-somma ta' sitt elef lira flus maltin (LM6,000) lilu mhallsa ghar-ragunijiet fuq esposti liema somma huwa qieghed jiddetjeni indebitament;
>
> "(2) tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;
>
> "(3) tillikwida d-danni hekk sofferti;

"(4) tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 1999, tal-Mandat ta' Sekwestru tal-lum u bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu 1997 sad-data tal-eventwali pagament.

"Il-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont ma jirrizulta mill-iskrittura datata 11 ta' Marzu 1997 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A;

"2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kellu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u dan stante li skont ma jirrizulta mill-imsemmija skrittura, il-ftehim datat 11 ta' Marzu, 1997 gie ffirmat bejn Swedoc Group rapprezentata legalment minn Mikael Hallberg u Mario Lapira.

"3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost fid-ditta Mina Investments hemm ukoll Saviour Damato u allura jehtieg li jigi kjamat fil-kawza kif ukoll jehtieg li tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' estera Swedoc Group.

"4. Fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma rceva l-ebda "retainer" minghad l-attur u dan kif jista' jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza, liema "retainer" thallas lil Swedoc Group b'mod irrevokabbli u dan sabiex ikopri inter alia l-ispejjez relattivi.

"5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu illi l-konvenut qed jiddetjeni indebitament l-ammont reklamat stante illi dan l-ammont qatt ma kien ser jinzamm minnu u dan kif jista' jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

"6. Fis-sitt lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont reklamat huwa ferm inqas minn dak pretiz.

"7. Fis-seba' lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kkawzax danni lill-attur u ghalhekk il-kawza ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

8. Salv' eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-konvenut inkluz dik ghad-danni.

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' Frar, 2001, li in forza taghha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, dik tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti, bl-ispejjez ta' dak l-incident ghall-konvenut.

Dik il-Qorti tat dik is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Din is-sentenza tikkoncerna biss l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenut fejn jinghad fl-ewwel eccezzjoni li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni "u dana skond ma jirrizulta mill-iskrittura datata 11 ta' Marzu, 1997".

"Il-klawsola numru 7 tal-iskrittura imsemmija tghid hekk:-

"This agreement is valid for any and all transactions between the parties hereto and is enforceable in any United Kingdom, United States or International Court, and the signing parties hereby accept such selected jurisdictions as the exclusive venue.The duration of this Agreement shall perpetuate for 5(five) years from the date hereof."

"Il-ftehim fuq imsemmi li jissejjah "Non-circumvention, non-disclosure working agreement" sar bejn is-Swedoc Group u Mario Lapira, l-attur odjern, u jittratta dwar obbligi tal-kontraenti li ma jiddivulgaw ebda informazzjoni tal-assocjazzjoni ta'bejniethom lil-terzi persuni jew li ebda parti ma tikkuntratta ma persuni assocjati mal-parti l-ohra. Dwar x'kien effettivament in-negozju ta' bejn il-kontraenti ma jinghad xejn u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem il-portata tal-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, izjed u izjed meta l–istess konvenut, korrettament, jghid li l-ftehim fuq imsemmi ma jikkoncernax lilu jew lis-socjeta' Mina Investments. In fatti l-istess konvenut xhed li kemm hu kif ukoll siehbu iffirmaw fuq dan id-dokument semplicement bhala "witness to signature" tal-attur. Dan id-dokument ghalhekk certament ma jeskludix l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

"Barra minn hekk ghandu jigi rilevat li l-kwistjoni mertu ta' din il-kawza ma ghandha x'taqsam assolutament xejn mal-ftehim Dok A ezebit mill-konvenut. Infatti l-bazi ta' l-azzjoni huwa allegat ftehim li intlahaq bejn l-attur u l-konvenut biex dan ta' l-ahhar, bl-intromissjoni tieghu, jottjeni finanzjament ghall-progett li kien ser jaghmel l-attur. Dan l-allegat ftehim u r-rabta bejn il-kontendenti, huwa sostanzjat bid-dokument "J" ezebit mill-attur li huwa xhieda tal-fatt li Mina Investments irceviet s-somma ta' LM6,000. Dan il-pagament, skond l-imsemmi dokument, huwa maghmul "as payment for transaction No. MH/ml/C97053 li dwaru sa issa ma ingiebet ebda prova. Izda certament jidher li kien hemm relazzjoni diretta bejn il-kontendenti li setghet waslet ghall-obbligi li jifformaw mertu ta' din il-kawza.

"Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni sollevata mill-konvenut.

"Spejjez ta' dan l-incident ghall-konvenut."

Rat is-sentenza finali li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"Filwaqt li **tiċħad it-tieni, t-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** billi la jirriżultaw mistħoqqa u lanqas ippruvati;

"**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek, fil-kwalitajiet tiegħu fuq imsemmija jrid irodd lura s-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€ 13,976.24), rappreżentanti l-import ta' somma mgħoddija lilu f'somma ekwivalenti f'denominazzjoni ta' Dollaru Amerika bħala "*non negotiable retainer*" biex jitkompla l-proċess ta' kisba ta' finanzjament li l-attur kien jeħtieġ għal proġett ta' żvilupp fuq art tiegħu fil-Bidnija, liema finanzjament baqa' ma nkisibx, u tikkundanna lill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom li jħallsu lill-attur l-imsemmija somma, bl-imgħax legali b'seħħ mit-8 ta' Awissu, 1997, sal-jum tal-ħlas effettiv;

"**Tilqa' s-seba' eċċezzjoni** u b'hekk **tiċħad it-tieni, t-tielet u r-raba' talbiet attriċi** billi l-attur naqas li jressaq provi ta' xi dannu mġarrab;

"**Tordna** li, bi tħaddim tal-artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu kwantu għal kwart ($^{1}/_{4}$) mill-attur u t-tliet kwarti ($^{3}/_{4}$) l-oħrajn mill-imħarrkin flimkien u solidalment bejniethom."

Dik il-Qorti tat din is-sentenza wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija azzjoni dwar għal ħlas lura ta' somma mħallsa bil-ħsieb li jingħata investiment finanzjarju li ma seħħx. L-attur irid li l-imħarrek *proprio* u *nomine* jroddlu lura s-somma ta' ħmistax-il elf dollaru Amerikan (USD 15,000) – li fiż-żmien li tħallsu kienu jsarrfu mas-sitt elef lira Maltija (Lm 6,000) – għaliex il-finanzjament li kien imwiegħed li sejjer jingħata mal-ħlas ta' dik is-somma baqa' ma wasalx. L-attur qiegħed jitlob ukoll li l-istess imħarrek *proprio* u *nomine* jitqies responsabbli għad-danni li ġarrab minħabba li l-finanzjament ma nkisibx u minħabba li falla l-proġett li kien maħsub li jsir b'dak il-finanzjament;

"Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek *proprio* u *nomine* laqa' billi qal li personalment huwa ma kellux x'jaqsam xejn mal-attur u dan għaliex kull ftehim kien sar bejn l-attur u terzi u hu ma kien imdaħħal f'xejn. Żied jgħid li jrid jissejjaħ fil-kawża Saviour Damato li huwa wkoll wieħed mill-isħab fid-Ditta mħarrka. F'kull każ, huwa jiċħad li ngħata jew li żamm għalih xi *retainer* mingħand l-attur, għaliex kull ħlas sar lil Swedoc Group, u kien f'somma anqas minn dak li jsemmi l-attur. Dwar it-talbiet għall-ħlas tad-danni, l-imħarrek jiċħad li huwa jaħti b'xi mod għan-nuqqas ta' finanzjament għall-proġett. Eċċezzjoni preliminari li kien

ressaq dwar jekk dawn il-Qrati għandhomx il-ġurisdizzjoni li jisimgħu l-kawża twarrbet b'sentenza preliminari mogħtija fi Frar tal-2001;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrek u wieħed Saviour Damato iffurmaw assoċjazzjoni bl-isem ta' *Mina Investments* (aktar 'il quddiem imsejħa "Mina") f'Jannar tal-1992. Kemm l-imħarrek Friġġieri u kif ukoll Damato kienu awtorizzati li jidhru għad-Ditta[1]. F'xi żmien qabel l-1997, l-attur kien tkellem ma' Damato bil-ħsieb li jħajru jidħol miegħu fi proġett li huwa kellu ta' żvilupp ta' art tiegħu fil-Bidnija[2]. Meta dak il-proġett ma kienx ħalla riżultat, Damato laqqa' lill-attur mal-imħarrek. Inzerta li f'Jannar tal-1997[3], Mina waslitilha stedina minn ditta barranija bl-isem ta' "*The Swedoc Group*" (aktar 'il quddiem imsejħa "Swedoc") biex tissuġġerilha tinqeda bis-servizzi tagħha ħalli tħajjar lill-klijenti tagħha jiffinanzjaw proġetti ta' bini u proġetti oħrajn permezz ta' Swedoc;

"Illi fis-7 ta' Frar, 1997[4], Mina offriet is-servizzi tagħha lill-attur biex tgħinu jikseb finanzjament għall-proġett tiegħu fil-Bidnija (u proġett ieħor li kien semma li għandu ma' ħaddieħor f'Baħar iċ-Ċagħak) mingħand Swedoc. Mina sejħet lil Swedoc il-"*financial associate*" tagħha. L-attur wieġeb b'ittra dakinar stess[5] biex juri lil Mina li kien imħajjar u li ried tlettax-il miljun u nofs f'Dollari Amerikani (USD 13,500,000) bħala finanzjament tal-proġett tal-Bidnija. Swedoc aċċettat li tikkunsidra li tmexxi applikazzjoni f'isem l-attur biex jikseb finanzjament għall-proġett u bdiet tirreferi għall-proġett bħala "C-97053"). Mina għarrfet lill-attur x'kienu d-dokumenti li kienu meħtieġa biex Swedoc tipproċessa t-talba tiegħu u dan billi bagħtitlu kopja ta' ittra li kienet irċeviet mingħand Swedoc dwar il-proġett tal-attur[6]. Dak inhar ukoll, Swedoc ħarġet fattura lill-attur għas-somma ta' ħmistax-il elf dollaru Amerikan (USD 15,000)[7] bħala "*retainer*" biex tagħmel tajjeb għan-nefqiet li Swedoc tidħol għalihom biex tmexxi 'l quddiem l-applikazzjoni tal-attur u biex tħejji d-dokumentazzjoni meħtieġa;

"Illi fl-10 ta' Marzu, 1997[8], Swedoc bagħtet tgħid lil Mina li l-istedina tagħha biex tgħin lill-attur jikseb il-finanzjament mitlub kienet tagħlaq l-għada. Dak

[1] Dok datat 30.1.1996 f'paġ. 80A tal-proċess
[2] Affidavit tal-imħarrek 19.11.2003, f'paġ. 71 tal-proċess
[3] Dok "AF17", f'paġ. 126 tal-proċess
[4] Dokti "A1" u "AF3", f'paġġ. 38 u 82 tal-proċess
[5] Dok "AF4", f'paġ. 83 tal-proċess
[6] Dok "AF5", f'paġġ. 84 sa 91 tal-proċess
[7] Dok «AF14 », f'paġ. 102 tal-proċess
[8] Dok "AF6", f'paġ. 92 tal-proċess

inhar, Mina kitbet lil Swedoc[9] biex tgħarrafha li l-attur kien qalilha li aċċetta li jħallas id-depożitu mitlub u li jimla u jibgħat id-dokumenti mitluba;

“Illi fil-11 ta’ Marzu, 1997[10], l-attur wieġeb li kien sejjer jibgħat id-depożitu lil Mina u talabha tiċċaralu ma’ Swedoc xi diffikultajiet li kellu u, f’każ li ma jingħatax tweġibiet li jogħġbuh, kien ried id-depożitu lura. Mina kitbet minnufih lil Swedoc u l-għada Swedoc bagħtet lil Mina t-tweġibiet tagħha għas-sittax-il mistoqsija li kien għamel l-attur[11]. Jidher li t-tweġiba twasslet minnufih lill-attur li aċċetta t-tweġibiet mibgħuta, għaliex dak inhar, fil-11 ta’ Marzu, 1997, iffirma ftehim ta’ “*non-circumvention and non-disclosure*” ma’ Swedoc, li fuq il-ftehim kienet rappreżentata minn Mikael Hallberg[12]. L-imħarrek u Damato iffirmaw dak il-ftehim f’isem Mina bħala xhud tal-firma tal-partijiet;

“Illi fit-12 ta’ Marzu, 1997, Mina ħarġet riċevuta[13] lill-attur għas-somma ta’ Lm 6,000 li huwa kien għaddhielha l-jum ta’ qabel. Fis-17 ta’ Marzu, 1997[14], Swedoc kitbet lil Mina biex tgħarrafha taħt liema kundizzjonijiet kienet sejra tippretendi ħlas, kopja ta’ liema ittra ntbagħtet lill-attur li, min-naħa tiegħu, kiteb lil Mina dak inhar[15] biex jgħarrafha li kien laqa’ dak it-tagħrif u bagħtilha tagħrif aġġornat ieħor li kien intalab biex titmexxa l-applikazzjoni tiegħu;

“Illi fit-18 ta’ Marzu, 1997[16], l-attur intrabat fost rabtiet oħrajn li, b’ħarsien ta’ dak li talbet Swedoc fl-ittra tal-jum ta’ qabel, kien qiegħed jaqbel li jħallas lil Swedoc għal darba waħda biss is-somma ta’ UDS 15,000 bħala waħda li mhix rifondibbli u “*in consideration of the SWEDOC Group directly or indirectly introducing me to any person or persons, company or institution willing to advance such sums as I may receive from time to time*”. L-attur iffirma dak id-dokument filwaqt li l-imħarrek f’isem Mina xehed il-firma. B’ittra oħra magħmula dak inhar ukoll u bl-istess mod iffirmata u mixhuda, l-attur ħatar lil Swedoc biex taħdem f’ismu ħalli tikseb il-finanzjament tal-proġett tiegħu tal-Bidnija u li kien jidħol għan-nefqiet kollha li Swedoc kienet tidħol fihom minħabba dak il-proċess. Fl-20 ta’ Marzu, 1997, Mina ħarġet riċevuta tal-fattura li Swedoc ħarġet lill-attur fil-25 ta’ Frar, 1997, u bagħtet lil Swedoc id-depożitu li kien ħallas l-attur[17];

[9] Dok “AF7”, f’paġ. 93 tal-proċess
[10] Dokti “A2” u “AF8”, f’paġġ. 39 sa 41 u 94 – 5 tal-proċess
[11] Dok “AF9”, f’paġ. 96 tal-proċess
[12] Dok “A”, f’paġ. 15 tal-proċess
[13] Dokti “J” u “AF13”, f’paġġ. 5 u 100 tal-proċess
[14] Dokti “A3” u “AF10”, f’paġġ. 42 u 97 tal-proċess
[15] Dok “AF19”, f’paġ. 128 tal-proċess
[16] Dokti “LMA” u “AF12”, f’paġġ. 64 u 99 tal-proċess
[17] Dok f’paġ. 103 tal-proċess

"Illi minħabba li l-attur ma kien ħa l-ebda aħbar, fit-30 ta' Mejju, 1997[18], kien kiteb lil Mina biex jitlobha tgħidlu minnufih x'progress kien sar dwar it-talba tiegħu. Jidher li l-attur baqa' ma ħa l-ebda tweġiba la mingħand Swedoc u lanqas mingħand Mina, sakemm fit-8 ta' Awissu, 1997[19], Swedoc bagħtu jgħarrfu lil Mina li sa dak inhar ma kienx seħħilhom jiksbu rabta mingħand min kien qiegħed jikkonsidra li jiffinanzja l-proġett tal-attur, u ma kienx jidher li kien hemm wisq tama li dan iseħħ. Wegħdet li tibqa' tipprova sa ma ssib lil min jaċċetta li jiffinanzja l-proġett. B'ittra li l-attur bagħat lil Mina fil-11 ta' Awissu, 1997[20], għamilha ċara li ma riedx lil Swedoc tkompli tipprova ssiblu finanzjament u lanqas kien jemmen li qatt ippruvat, u talab lil Mina troddlu lura s-somma ta' USD 15,000 li kien ħallas f'Marzu u li Swedoc tibgħat tiskuża ruħha miegħu għal kif imxiet miegħu;

"Illi fil-21 ta' Mejju, 1999, l-attur interpalla lill-imħarrek b'ittra uffiċjali biex iroddlu lura l-flus. Billi l-ħlas baqa' ma sarx, fetaħ il-kawża f'Marzu tal-2000;

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jitnisslu mill-fatti fuq imsemmija juru li l-qafas tal-azzjoni attriċi huwa mibni fuq il-jedd li wieħed jitlob ir-radd lura ta' ħaġa li jkun ta għaliex imħajjar jew imwebbel minn wegħda li ma sseħħx. L-attur jgħid li din il-wegħda kienet waħda qarrieqa fil-konfront tiegħu, billi min għamilha (jew f'isem min saret) ma wettaqhiex minkejja li ma kellu xejn x'iżommu milli jwettaqha;

"Illi f'dan il-każ il-Qorti semmiet b'ċerta dettal il-mixja kronoloġika tal-fatti, għaliex jidhrilha li dawn jixħtu dawl siewi ħafna fuq it-tifsir tar-rabtiet bejn il-partijiet involuti f'din il-ġrajja sfortunata u wkoll għaliex jagħrfu jagħtu soluzzjoni għall-kwestjoni ewlenija bejn il-partijiet;

"Illi jidher li l-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni sussidjarja magħrufa bħala l-*actio de in rem verso* u li llum il-ġurnata tinsab regolata espressament fil-liġi Maltija[21]. Hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq la azzjoni *ex contractu*[22] jew lanqas dik akwiljana mnissla mill-fatt

[18] Dok "A4", f'paġ. 43 tal-proċess
[19] Dok "A5", f'paġ. 44 tal-proċess
[20] Dok "A6", f'paġ. 45 tal-proċess
[21] Artt. 1028A u 1028B tal-Kap 16
[22] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)

illeċitu jew saħansitra dik maħsuba għar-radd lura tal-ħlas indebitu[23]. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[24] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[25]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[26]. Din iċ-ċirkostanza tal-aħħar hija rilevanti ħafna għall-każ tal-lum;

"Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[27]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[28]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mill-parti attriċi, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[29]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[30], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[31];

"Illi ingħad ukoll[32] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[33] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha bla ma sar il-ħlas għalih jew b'mod li ma saritx xi ħaġa li kellha ssir u li kienet ir-raġuni għaliex kien ingħata dak il-ġid[34]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-servizz[35]. Il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-elementi japplikaw kollha għal dan il-każ sa grad biżżejjed biex jista' jingħad li l-bażi tal-azzjoni attriċi tinsab fondata tassew;

---

[23] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Christopher Desira vs Gasan Enterprises Ltd***
[24] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[25] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farruġia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)
[26] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***
[27] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum"*
[28] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[29] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7a Ediz. 1978) par 2041, paġ. 2008
[30] Art. 1012 tal-Kap 16
[31] Art. 1019 tal-Kap 16
[32] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9a Edit., 1975) par 387, paġ. 634
[33] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[34] Amos & Walton's Introduction to French Law (3rd Edit.) , paġ. 197
[35] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**)

"Illi mill-ġabra ta' provi mressqa, jirriżulta li l-imħarrek kien tassew webbel lill-attur biex jikkunsidra li japplika ma' Swedoc biex din tipprovdilu finanzjament għall-proġett ta' bini li huwa kellu ħsieb li jagħmel fuq art tiegħu fil-Bidnija. Din il-ħajra kien rabatha mal-ħidma tiegħu f'Mina li kien webbel lill-attur li kienet assoċjata ma' Swedoc. Jidher li l-imħarrek (kemm f'ismu u wkoll bħala rappreżentant ta' Mina) kien għal xi żmien jemmen fi Swedoc b'għajnejh magħluqa. Biżżejjed wieħed iqis dawn is-siltiet mill-ittra li l-imħarrek bagħat lil Swedoc fl-10 ta' Marzu tal-1997 meta kitbilha "*we know our clients and we know you so we are not the least worried about the outcome.... we have full confidence in your Work, your good Selves, and your Company. Once again we appreciate your integrity, and professionalism towards our clients...*"[36]. Daqstant ieħor jidher li l-attur kellu fiduċja għamja fl-imħarrek, f'Mina u f'Swedoc meta jgħid "*I am ready, willing and able to cover the US$ 15,000 fee and carry on with the request for funding. This mainly because we have known each other for a number of years and your honesty and integrity are undoubted. Furthermore, if you are an associate of Messres 'Swedoc' reputation, honesty and integrity applies to them also*"[37];

"Illi f'dan il-qafas ta' atteġġamenti tal-attur u l-imħarrek, Swedoc kellha xalata. Għalkemm ma tressqux provi diretti, l-Qorti tifhem li Swedoc approfittat ruħha minn din il-fiduċja murija lejha u b'għaqal ħalqet xenarju kimeriku li ikkonvinċa lill-imħarrek u, aktar, lill-attur biex jemmnu li hija kienet sejra tasal biex issib lil min jiffinanzja l-proġett tal-attur. L-imħarrek jisħaq[38] li ma' Swedoc kien ressaq klijenti oħrajn u saħansitra kien għamel negozji fuq proġetti oħrajn, wieħed minnhom fir-Russja[39]. Ma ntwera bl-ebda mod x'kien ir-riżultat ta' dawk in-negozji, u kien fl-interess tal-imħarrek li juri tassew x'kien ġara. Iżda ħaġa waħda titnissel minn dik ix-xhieda tal-imħarrek, u jiġifieri li jekk kemm-il darba kien diġa' kellu x'jaqsam ma' Swedoc fuq proġetti oħrajn, dan kien jitfa' responsabbilta' akbar fuqu meta jiġi biex jirrakkomandaha mal-klijenti tiegħu f'Malta, u b'mod partikolari mal-attur. Min-naħa l-oħra, Swedoc jidher li kellha pjan ċar li l-ewwel tħajjar lil Mina biex tibda ssibilha investituri potenzjali, imbagħad twiegħed lil Mina ħlasijiet ta' kummissjoni meta jseħħ in-negozju, biex, fl-aħħar, wara li tkun ġabret id-depożiti, togħsfor mix-xena jew tfarfar kull responsabbilta', bħalma ġara fil-każ tal-attur. Ħarsa ħafifa lejn xi siti elettroniċi taħt isem "Swedoc" (partikularment fejn jissemma "company credibility") jagħtu ħjiel tajjeb tal-metodi tagħha wkoll f'pajjiżi oħrajn u x'ġara minnha llum il-ġurnata;

---

[36] Paġ. 93 tal-proċess
[37] Dok "A2", f'paġ. 39 tal-proċess
[38] Xhieda tiegħu 27.9.2004, f'paġ. 129 tal-proċess
[39] Dok "AF16", f'paġ. 125 tal-proċess

"Illi l-istampa li toħroġ hija waħda fejn l-imħarrek (kemm f'ismu u wkoll f'isem Mina) kien rikeb il-karru ta' Swedoc u mhux biss rabat il-fama tiegħu magħha, imma ħareġ għonqu għar-riskji li l-klijenti tiegħu kienu mħajrin jieħdu. Jidher li dan kien ukoll il-każ fir-rigward tal-attur;

"Illi waħda mill-eċċezzjonijiet li qajjem l-imħarrek hi li hu ma għandu x'jaqsam xejn mal-pretensjoni tal-attur għaliex ma kienx involut direttament u lanqas ibbenefika mill-ħlas tad-depożitu. Din l-eċċezzjoni ma tantx tista' tintlaqa' malajr. Fl-ewwel lok, l-attur kien beda t-tiftix għall-finanzjament ma' Mina u ma' Saviour Damato u l-imħarrek. Fit-tieni lok, Mina kellha l-ħabta[40] li kull korrispondenza li Swedoc kienet tibgħatilha dwar il-proġett tal-attur, Mina kienet tibdel il-*letterhead* tal-biċċa l-kbira ta' ittri bħal dawk u tibgħathom kif hekk mibdula lill-attur. B'dan il-mod, l-attur (u kull min seta' kien fil-qagħda tiegħu) kien jemmen li Mina u Swedoc kienu tassew assoċjati u li l-kelma tal-waħda kienet il-fehma tal-oħra. Fit-tieni lok, Swedoc qatt ma ikkomunikat direttament mal-attur f'din il-ġrajja kollha, u jidher li kull darba li mqar l-attur iffirma xi ftehim jew daħal f'xi rabta jew f'kuntratt ma' Swedoc dan sar fiżikament fl-uffiċċju ta' Mina u fil-preżenza ta' l-imħarrek u/jew ta' Damato, li kienu jidhru bħala "xhud tal-firem". Hekk ukoll ġara meta Swedoc bagħtet tgħarraf li ma kienx seħħilha ssib finanzjatur tal-proġett tal-attur, u dan minkejja li l-istess attur kien, f'Marzu ta' qabel, ħatarha bħala aġent tiegħu biex tkompli tmexxi 'l quddiem il-proċess għall-kisba tal-finanzi għall-proġett. Fit-tielet lok, id-depożitu li l-attur ħallas u li huwa l-mertu ta' din il-kawża, ngħata lil Mina biex jinżamm minnha sakemm hu jawtorizzaha tgħaddih lil Swedoc wara li din tispjega għas-sudisfazzjon kull diffikulta' li huwa qanqal qabel ma jaqtagħha jekk jimxix 'il quddiem. Fir-raba' lok, Mina dejjem irriferiet għall-attur bħala l-klijent tagħha f'din il-ġrajja, u jekk dan huwa l-każ ma jistax jingħad li hija ma kellha x'taqsam xejn mal-kwestjoni. Sinjifikatament, fil-ħames lok, l-imħarrek innifsu xehed li "bdejna niġġieldu għall-flus lura"[41], u dan b'riferenza għalih bħala rappreżentant ta' Mina f'isem l-attur. Li kieku kien minnu li wieħed ma kellux x'jaqsam mal-kwestjoni, ftit li xejn jagħmel sens li mbagħad jistqarr li kien beda jiġġieled għal xi ħaġa li ma kinitx tirrigwardah;

"Illi minn din il-ġabra ta' ċirkostanzi kollha, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek *proprio* u *nomine* kien ħa r-rwol ta' intermedjarju bejn l-attur u Swedoc b'mod li nissel obbligazzjoni fiduċjarja lejn l-attur kif maħsuba fl-artikolu 1124A(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili. Obbligazzjoni bħal din taf titnissel kemm

[40] Xhieda tal-imħarrek 13.10.2004, f'paġġ. 135 – 6 tal-proċess
[41] Xhieda tiegħu 28.6.2004, f'paġ. 122 tal-proċess

bis-saħħa ta' kuntratt, iżda wkoll minn kważi-kuntratt, bis-saħħa tal-liġi, minn *trust* jew saħansitra mill-assunzjoni ta' kariga jew mill-imġiba ta' persuna li tindaħal fit-tmexxija ta' ħwejjeġ persuna oħra. Jekk dan huwa tassew il-każ, allura kienu jaqgħu fuq l-imħarrek, fiż-żewġ kwalitajiet premessi, d-dmirijiet li l-istess liġi tippreskrivi[42], fosthom u mhux l-anqas dak li jwettaq dmirijietu bl-akbar *bona fide* u li jeżerċita l-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja;

"Illi l-effett ta' xi nuqqas fit-twettiq ta' xi dmir bħal dak iwassal lill-persuna li tkun marbuta b'rabta fiduċjarja bħal dik li tagħmel tajjeb lill-persuna li tkun hekk fdatha[43], u dan bla ħsara għal kull rimedju ieħor skond il-liġi[44];

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tal-kostatazzjonijiet fattwali proċesswali li l-Qorti għamlet ftit aktar qabel, joħroġ li l-imħarrek *proprio* u *nomine* huwa l-kontradittur leġittimu tal-pretensjoni tal-attur u f'dik il-kwalita' jrid jagħmel tajjeb għaliha;

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin m'hijiex tajba u sejra tiċħadha;

"Illi minħabba tali rabta bejn l-imħarrkin, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ġrajja li sab ma' wiċċu l-attur toħloq obbligazzjoni solidali favur tiegħu. Issib ukoll li l-imħarrek *proprio* u *nomine* ma ta l-ebda raġuni tajba għaliex m'għandux jitqies responsabbli għaċ-ċirkostanzi li l-attur sab ruħu fihom. Daqstant ieħor hija konvinta li l-wegħda tal-finanzjament li l-attur ingħata ma seħħitx mhux bi ħtija tal-attur jew minħabba li naqas milli jwettaq xi ħaġa li Mina jew Swedoc talbu minnu. Ladarba l-attur wettaq il-parti tiegħu, kienet ir-responsabbilta' tal-imħarrkin li jħarsu lill-klijent tagħhom minn kull ħsara. Għalhekk, flimkien mal-fatt li l-obbligazzjoni ewlenija kienet waħda ta' natura kummerċjali, il-Qorti ssib ukoll li, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 115(1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, r-rabta li kien hemm bejn l-imħarrek u d-Ditta mħarrka lejn l-attur kienet waħda *in solidum*. Għalhekk, fil-qies li sejra tieħu għar-rimedju mitlub mill-attur, il-Qorti qegħda tapplika wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 1095, 1096 u 1102(1) tal-Kodiċi Ċivili;

[42] Art. 1124A(4) tal-Kap 16
[43] Art. 1124A(6) tal-Kap 16
[44] Art. 1124A(5) tal-Kap 16

“Illi l-imħarrkin kienu qanqlu l-kwestjoni tas-sejħa fil-kawża wkoll ta’ Savior Amato, s-sieħeb l-ieħor tal-imħarrek f’Mina Investments. Il-Qorti jidhrilha li, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru, il-ġudizzju kif inhu huwa sħiħ u ma jiżdied xejn li kieku Damato ddaħħal ukoll fil-kawża. Jekk kemm-il darba l-imħarrek jidhirlu li f’dak li ġara kien hemm xi nuqqas min-naħa ta’ Damato, din il-Qorti m’hijiex sejra tneħħilu l-jedd li jfittex ir-rimedju li jidhirlu xieraq kontrih f’sedi u bi proċedura oħra;

“Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet eċċezzjoni m’hijiex sejra tintlaqa’;

“Illi l-ammont ta’ flus li l-attur irid li jintraddulu lura huwa dokumentat kif imiss, u mistqarr mill-imħarrkin ukoll b’dokument. Il-Qorti ma għandhiex dubju li dawn tħallsu lill-imħarrkin. Fuq kollox, ma tressqet l-ebda prova kuntrarja tajba biex ixxejjen tali fehma jew tali fatt. Id-diffikulta’ li tinħalaq u li dwarha l-imħarrkin ressqu eċċezzjoni partikolari hi minħabba l-fatt li l-imħarrkin ma żammewx għandhom il-flus tad-depożitu, kif jallega l-attur fl-ewwel talba tiegħu;

“Illi b’din l-eċċezzjoni, l-imħarrkin jimplikaw li huma ma stagħnew bl-ebda mod bi ħsara tal-attur għaliex kienet biss Swedoc li marret tajjeb billi ġabret ir-*retainer* u żammitu għandha bla ma wettqet dak li għalih kienet tħallset dak ir-*retainer*. Biex issaħħu din l-eċċezzjoni, l-imħarrkin ressqu żewġ linji ta’ difiża. L-ewwel waħda hi li bejnhom u Swedoc ma kienx hemm rabta, iżda Mina kienet biss “*associate*” tal-oħra billi jaħdmu flimkien bla rabta[45]. It-tieni difiża hi li meta l-attur bagħat id-depożitu lil Swedoc, kien intrabat li jaf li dak il-ħlas ma kienx rifondibbli u għalhekk jonqos element essenzjali fl-azzjoni tiegħu;

“Illi l-Qorti jidhrilha li għalkemm bejn Mina u Swedoc ma kienx hemm għaqda formali, l-imġiba ta’ Mina kienet tagħmilha l-id estiża tal-oħra fir-rapporti li Mina kellha ma’ klijenti tagħha f’Malta. B’dan il-mod, Mina kienet daqslikieku aġenzija ta’ Swedoc u b’hekk sussidjarja tagħha f’Malta. Fil-fehma tal-Qorti, meta Mina kienet awtorizzata mill-attur biex tgħaddi d-depożitu lil Swedoc, dan nissel transazzjoni “interna” bejn dawk iż-żewġ ditti u Mina ma tistax tgħid li ma kenitx taf għal liema raġuni kienet għaddiethom lil Swedoc;

[45] Xhieda tal-imħarrek 28.6.2004, f’paġ. 116 tal-proċess

"Illi dwar it-tieni argument, għalkemm huwa minnu li l-attur iffirma dikjarazzjoni li d-depożitu ta' USD 15,000 ma kienx rifondibbli, dan kien ikun jorbtu li kieku Swedoc imxiet b'bona fidi. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, jidher li seħħ ingann bi ħsara tiegħu billi Swedoc nisġet xenarju efimeru li, ladarba l-attur waqa' fin-nassa tiegħu, żvinta fix-xejn. Il-Qorti tqis li dik ir-rabta li daħal għaliha l-attur kienet kundizzjonata bil-fehma li n-negozju kien wieħed ġenwin, imqar jekk ma jirnexxi. F'dan il-każ hemm elementi qawwija li jikkonvinċu lill-Qorti li Swedoc kellha ħsieb wieħed u, fil-każ tal-attur, seħħilha tiksbu b'xejn fuq platt. Minħabba li Mina kellha l-obbligu lejn l-attur billi tara li l-interessi tiegħu ma jġarrbux ħsara u li l-persuna li laqqgħetu magħha tidħol għall-wegħda tagħha b'impenn ta' veru, jiġi li Mina ma tistax tistaħba wara l-iskuża tal-irrevokabilita' tad-depożitu biex twaqqa' t-talba leġittima tal-attur li safa vittma ta' għamil frawdolenti;

"Illi għalhekk, lanqas ir-raba' eċċezzjoni ma tiswa u m'hijiex sejra tintlaqa';

"Illi l-attur qiegħed iressaq ukoll talba għall-ħlas ta' danni minħabba f'dak li ġralu. Jidher li l-attur ftit li xejn baqa' jisħaq fuq dawn it-talbiet. Kemm hu hekk, la ressaq provi biex isostni fiex kienu jikkonsistu tali danni u lanqas biss għamel l-iċken aċċenn għalihom fis-sottomissjonijiet tiegħu;

"Illi fid-dawl ta' dan kollu, jidher li t-talbiet attriċi safejn marbutin mat-talba għas-sejbien ta' ħtija u l-likwidazzjoni tad-danni m'humiex sostnuti;

"Illi għalhekk is-seba' eċċezzjoni hija mistħoqqa u sejra tintlaqa';"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tilqa' dan l-appell b'dan illi [**i**] tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni u b'hekk thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza preliminari moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet sovra premessi nhar l-14 ta' Frar, 2001, u bhala korollarju naturali, dik tal-5 ta' Ottubru, 2010, u minflok tiddeciedi illi l-Qrati Maltin m'ghandhomx kompetenza u gurisdizzjoni illi jiehdu konjizzjoni tal-procediment *de qua* ghar-ragunijiet f'tali eccezzjoni espressi u hawn fuq enuncjati; jew, b'mod sussidjarju u alternattiv f'kaz ta' cahda tal-punt [i] appena maghmul, [**ii**] billi tikkonferma dik il-parti tas-

sentenza finali moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet supra premessi nhar il-5 ta' Ottubru, 2010 fejn akkoljiet is-seba' eccezzjoni u konsegwentement irrigettat it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attrici u sussegwentement [**iii**] tghaddi biex thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru, 2010, fl-ismijiet t'hawn fuq u minflok, tghaddi biex tilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet tal-imharrkin, hawn appellanti, u tichad kompletament ir-rimanenti talbiet attrici, bl-ispejjez, kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-istess attur appellat jew f'dik il-manjiera li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell temmen idoneju u ekwu fic-cirkostanzi.

"Daqstant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti appellanti ghas-savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni."

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell tal-konvenut ghandu jigi michud bl-ispejjez;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob ir-rifuzjoni ta' Lm6000 (ossija US$15,000) li ghadda lill-konvenut bil-hsieb li dan jirrangalu finanzjament minn

socjeta` estera, Swedoc International AB, ghall-progett li l-attur kellu f'mohhu li jwettaq gewwa l-Bidnija, liema finanzjament baqa' qatt ma sehh. L-attur qed jitlob ukoll danni minhabba l-fatt li l-progett falla u ma sehhx nuqqas tal-istess konvenut. Il-konvenut proprio et nomine wiegeb billi fl-ewwel lok eccepixxa n-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti, u fit-tieni lok illi hu ma ghandu ebda relazzjoni mal-attur peress illi l-hlas u l-ftehim sar lil u mas-socjeta` estera.

L-ewwel Qorti, bl-ewwel sentenza taghha, cahdet l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni, u bit-tieni sentenza cahdet il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghet it-talbiet attrici hlief dawk marbuta mar-rikjesta ghad-danni, wara li qieset li d-ditta konvenuta kienet taghmilha ta' "*l-id estiza*" ta' dik estera, u l-konvenut kien ippartecipa anke personalment fil-ftehim.

Kif inghad, il-konvenuti appellaw miz-zewg sentenzi li tat l-ewwel Qorti.

Qabel xejn din il-Qorti trid tittratta l-eccezzjoni preliminari tal-appellat li qed jissottometti illi s-sentenza tal-14 ta' Frar, 2001 hija inappellabbli peress illi wara dik is-sentenza l-appellant ipproceda bil-produzzjoni ta' xhieda fuq il-meritu u b'hekk gie li qaghad ghal dak li qalet din is-sentenza – Artikolu 228(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civli (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jghid li ma hemmx appell jekk parti "toqghod" ghas-sentenza.

Biex parti, pero`, tista' tinghad li tkun "qaghdet" ghal sentenza, iridu jirrizultaw indikazzjonijiet cari li qed taccetta s-sentenza, indikazzjonijiet li ma jkunux jistghu jigu interpretati hlief li juru intenzjoni cara ta' akwixenza ghas-sentenza, u mhux biss li jipposponi d-dritt tieghu ta' appell. Fil-fatt, l-Artikolu 231 tal-istess Kodici jghid li appell minn sentenzi separati jista' jsir wara s-sentenza finali, u hu biss bil-permess tal-qorti li appell jista' jsir qabel. Dan ifisser li, bhala regola, appell ghandu jsir wara s-sentenza finali, u hu biss eccezzjonalment, u wara permess mill-Qorti, li jista' jsir appell qabel. Kwindi, la darba parti li kontra taghha tigi deciza kwistjoni b'sentenza preliminari, jista' jappella minn din is-sentenza wara s-sentenza finali, biex jista' jinghad li tilef dan id-dritt iridu jirrizultaw cirkostanzi li jmorru lill hinn milli semplici prosegwiment tas-smiegh tal-kawza. Ebda argument lanqas ma jista' jitnissel mill-Artikolu 234 tal-imsemmi Kodici. Il-fatt li dan l-artikolu jippermetti appell minn sentenza ta' kompetenza (u dan minghajr htiega ta' permess mill-Qorti – ara **Koca Mehmet v. Micallef Stafrace noe**, deciza fit-3 ta' Frar, 2012) ma jfissirx li appell irid isir bilfors wara li tinghata s-sentenza fuq gurisdizzjoni. Dan l-artikolu ma jinnewtralizzax il-principju generali kontenut fl-Artikolu 231(1) li appelli minn sentenzi separati jistghu isiru wara s-sentenza finali.

L-aggravju relattiv qieghed ghalhekk jigi michud.

Fir-rigward issa tal-ewwel sentenza tal-ewwel Qorti, fejn giet michuda l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dik il-Qorti, din il-Qorti ma taccettax is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-materja, kif impostata mill-attur, tinvolvi relazzjoni tal-attur mas-socjeta` estera. Il-kwistjoni ta’ gurisdizzjoni tal-qrati tiddependi fuq l-azzjoni kif proposta, u jekk din hija ccentrata fuq relazzjoni bejn zewg persuni Maltin u residenti Malta, huma l-qrati ta’ Malta li ghandhom jisimghu u jiddeciedu fuq dik l-azzjoni. Jekk jirrizulta mbaghad, mill-provi, li r-relazzjoni tal-attur kienet biss mas-socjeta` estera, l-attur jitlef il-kawza peress li l-konvenut imharrek ma jkunx il-legittimu kontradittur. Din il-materja pero`, ma taffettwax il-gurisdizzjoni tal-qrati. Darba, li l-attur qed jallega relazzjoni mal-konvenuti biss, huma dawn il-qrati li ghandhom gurisdizzjoni jistharrgu l-allegazzjoni tieghu.

Oltre dan, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, il-klawsola gurisdizzjonali saret fl-iskrittura tal-11 ta’ Marzu, 1997, li kellha sservi bhala bazi tal-ftehim futur bejn l-attur u s-socjeta` estera, ftehim li baqa’ ma sehhx. Dik l-iskrittura kienet torbot lill-attur b’obbligu ta’ kunfidenzjalita` ghal dak li jigi diskuss u maqbul bejniehom, u ma ticcentra xejn fin-negozju li allegatament sehh bejn l-attur u l-konvenuti. Fi kliem iehor, l-iskrittura tal-11 ta’ Marzu, 1997, ma kienetx titratta r-relazzjoni guridika li l-attur jghid li ghandu mal-konvenuti, u kienet relatata ghall-futur (f’kaz li s-socjeta` estera tipprovdi l-finanzjament mixtieq) u mhux ghal dak li sehh fl-istadju li kellu jwassal ghall-ftehim ta’ finanzjament.

Tajjeb li jigi osservat ukoll illi l-konvenuti ma kienux firmatarji fuq dik l-iskrittura, u kwindi ma jistghux jinvokaw klawsola ta' gurisdizzjoni fi ftehim li ghaliha ma kienux parti (ara, bhala rifless fuq dan il-punt, il-kawza **Tortell noe v. G.S. Specialist Vehicles Ltd. et**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2010).

Kwindi l-appell tal-konvenuti marbut mas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Frar, 2001, qed jigi michud.

Fil-kuntest tal-appell relatat mas-sentenza fil-meritu, il-konvenuti jissottomettu illi huma ma agixxew qatt bhala mandatarji tas-socjeta` estera, izda biss bhala intermedjarji, fejn l-intenzjoni kienet biss li "tlaqqa" l-interess tal-attur ma' dawk tas-socjeta` estera. Il-konvenuti jilmentaw ukoll mill-fatt li l-ewwel Qorti fittxet provi hi (minn fuq sit tal-internet), u applikat principji fiducjarji (Artikolu 1124A tal-Kodici Civili) li dahlu in vigore wara l-bidu tal-kawza.

Trattat l-appell, il-konvenut jghid li r-rwol tieghu jixbah dak ta' sensal pero`, l-ewwel Qorti, li fliet sew il-provi, ikkonkludiet li l-konvenut u d-ditta tieghu urew interess aktar minn ta' semplici sensal. L-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata tal-fatti, u din il-Qorti ma tarax li hemm fuqhiex tiddisturba dak l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Hekk jirrizulta, per ezempju, illi s-

socjeta` konvenuta kienet issejjah lis-socjeta` estera bhala l-"*financial associate*" taghha, u kwazi fil-korrispondenza kollha li s-socjeta` estera kienet tibghatilha intenzjonata ghall-attur, id-ditta Mina Investments kienet tbiddel il-*letterhead* biex tindika l-involviment taghha. Qatt ma kien hemm kuntatt dirett bejn l-attur u s-socjeta` estera, u kollox kien isir bejn l-attur u l-konvenut. Ir-rwol tal-konvenut ma kienx li "laqqa'" l-attur mas-socjeta` estera; bhala fatt, qatt ma laqqaghhom, u kien il-konvenut li zamm ir-riedni tan-negozjati. Il-hlas ta' Lm6000 li ghamel l-attur ghamlu lid-ditta konvenuta, u kienet din li harget ricevuta. Il-konvenuti jirreferu ghall-attur bhala "klijent" taghhom, u hu car li l-attur inkariga lill-konvenuti jippruvaw isibulu finanzjament, u kienu l-konvenuti li, biex iwettqu dak il-ftehim, ghazlu li jikkuntatjaw lis-socjeta` Swedoc Investments ghall-ghajnuna. Il-kuntratt sar bejn l-attur u l-konvenuti, u jekk it-terzi mqabbda mill-konvenuti biex jassistuh iwettaq dak il-kuntratt naqsu jew ma waslux sa fejn kellhom jaslu, jahtu l-istess konvenuti u hadd aktar. Parti mitluba twettaq ftehim, ma tistax tipprova twahhal fl-inerzia u negligenza ta' terz minnha mqabbad biex jghinha twettaq dak il-ftehim (ara **Farrugia v. Attard**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-28 ta' April, 1998). L-attur jghid ukoll li hu avvicina lill-konvenut peress li kellu fiducja fih, u kien a bazi ta' din il-fiducja li l-attur accetta li l-istess konvenut jinnegozja mas-socjeta` Swedoc Investment, li maghha l-konvenut qal li kien gieli innegozja. Jista' jkun li l-konvenut kien in bona fede, pero`, jibqa' l-fatt li hu ma wettaqx l-obbligu tieghu, u cioe`, li jsib finanzjament ghall-attur. Il-konvenut ipprova jgib il-finanzjament li ried l-attur minghand is-socjeta` Swedoc International (jew

Swedoc Group, kif gieli issibha indikata), u jekk din is-socjeta` estera “let him down” ir-responsabbilita` tibqa’ tieghu ghax kien hu li gie avvicinat mill-attur ghall-iskop ta’ finanzjament. Meta l-attur avvicina lill-konvenut dan informah li kien f’posizzjoni li jottenilu il-finanzi mehtiega minghand socjeta` estera bl-isem Swedoc, u jrid iwiegeb hu ghal kull ma sehh.

Il-konvenut jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti zbaljat meta minn rajha fittxet dwar l-i*status* ta’ Swedoc fuq xi sit elettroniku. Din il-Qorti taqbel illi, in linea ta’ principju, gudikant ghandu “*jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb a bazi tad-domanda u baqa’ ma giex offert bi prova konvincenti*” – **F. Advertising Ltd. v. Attard et**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-21 ta’ Mejju, 2010. Jidher car, pero`, li t-tfittxija li ghamlet l-ewwel Qorti ma kienetx determinanti ghad-decizjoni taghha. Il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet bazata fuq il-fatt li l-attur hareg Lm6000 biex jigi mlaqqa’ ma’ xi hadd li lest jiffinanzja l-progett li kellu f’mohhu, izda ma tlaqqa’ ma hadd. Is-Lm6,000 inghataw “*in consideration of the Swedoc Group directly or indirectly introducing me to any person*” kapaci jiffinanzja l-progett, pero`, bhala fatt, l-attur ma gie “*introduced*” lil hadd, u allura jista’ jinghad li tonqos il-kawza funzjonabbli tal-obbligazzjoni. Din hija r-raguni primarja tad-decizjoni, u t-tfittxija li ghamlet l-ewwel Qorti ma hix rilevanti ghal din il-konkluzjoni.

Fil-kuntest tal-ilment marbut mar-referenza li ghamlet l-ewwel Qorti ghall-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili din il-Qorti tara li filwaqt li hu veru lil-Artikolu 1124A tal-Kodici Civili dahal fis-sehh wara li sehhew il-fatti meritu ta’ din il-kawza, dak l-Artikolu ma hu xejn hlief riproduzzjon ta’ principju ta’ dritt applikabbli gia` fid-dritt Ruman fejn kien meqjus bhala “*a parasitic institution*” (ara Lee, “The Elements of Roman Law”, pagna 340), mhux bhala kuntratt imma bhala li jimponi obbligi addizzjonali ghal dawk kuntrattwali fil-kaz ta’ certi kuntratti. Il kuncett ta’ obbligazzjonijiet fiducjarja lanqas ma hu marbut necessarjament mal-kuncett ta’ *trusts* li dahal fis-sistema maltija b’mod komplut fl-1 ta’ Jannar 2005 u hu ta’ applikazzjoni generali f’kull kaz li dak li jkun ikun qed jagixxi fl-interess ta’ haddiehor, meta allura hu mistenni li jagixxi bid-debita attenzjoni u kura. Kif qalet il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kaz **Cordina v. Cordina**, deciza fis-26 ta’ Settembru 2007, bl-introduzzjoni tal-Artikolu 1124A fil-Kodici Civili s-sitwazzjoni “*giet hafna aktar iccarata*”, pero` ma giex mahluq kuncett gdid. Kif qalet il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kaz **Messina v. Galea** deciza fil-5 ta’ Jannar 1881, il-ligi Rumana kienet u ghadha il-“*ius comune*” ta’ Malta u, “*nei casi non proveduti dalle nostre leggi, dobbiamo ricorrere alle leggi Romane*”. Il-kuncett ta’ fiducja bejn il-principal u r-rapprezentant tieghu ilu jezisti fl-istorja legali taghna, u meta tqis li l-konvenut kien jokkupa kariga ta’ *financial consultant*, huwa car li l-ekwita` kienet timponi fuqu doveri u obbligazzjonijiet li jmorru lill-hinn mill-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu.

Bhala konsulent, il-konvenut kellu obbligu ta' onesta` u lealta` lejn il-klijenti tieghu, u jekk l-attur ma giex sodisfatt il-flus li thallsu ghal xejn iridu jigu rifusi. Il-fatt li l-konvenut seta' kien in bona fede u/jew agixxa b'mod diligenti ma jwaqqax ir-rizultanzi li s-Lm6000 thallsu ghal xejn.  L-attur gie mwieghed laqgha ma' finanzjarju, u ghal din il-laqgha hallas Lm6000 bhala depozitu; din il-laqgha qatt ma mmaterjalizzat ruhha, u d-depozitu, ghalhekk irid jintradd lura.

Ghar-rigward tal-aggravju marbut mal-imghax, il-fatt li l-kawza damet ma giet deciza ma hu tort ta' ebda parti, u zgur li l-attur m'ghandux jitlef l-imghax fuq somma li rrizulta li hallas indebitament, u dan minhabba l-fatt li l-kawza, forsi anke minhabba l-komplessita` tal-kaz u x-xoghol l-iehor li kellha l-Qorti, damet ma giet deciza.  Fuq kollox, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li s-somma ta' Lm6000 inzammet u ghadha qed tinzamm mill-konvenuti, jew l-*associate* taghhom, indebitament u huma qed igawdu l-frottijiet tal-istess, meta suppost kellu jgawdi l-istess attur.

Kwindi, l-appell tal-konvenuti marbut mas-sentenza tal-ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru, 2010, qed jigi wkoll michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost minn Alexander Friggieri f'ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Mina Investments, billi tichad l-istess u tikkonferma in toto iz-zewg sentenzi tal-ewwel Qorti appellati.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk relatati ma' din it-tieni istanza jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------